BirdLife
MALTA

# Mawra f'Għawdex

## Ikomplu l-attivitajiet għall-familji organizzati mill-Adult Activities Group ta' BirdLife Malta

L-attivitajiet ta' BirdLife Malta għall-pubbliku komplew b'mawra ta' ġurnata f'Għawdex organizzata mill-Adult Activities Group.

L-attività tul in-nofstanhar ta' filgħodu kienet tikkonsisti fi trek ta' 3 sigħat bil-mixi fuq l-irdumijiet f'Ta' Ċenċ u oħra minn San Raflu sax-Xlendi.

Il-mixjiet tmexxew minn Michael Grima li spjega kif l-inħawi f'Ta' Ċenċ huma santwarju taċ-Ċief (Scopoli's Shearwater) b'madwar 1,000 par ta' dan l-għasfur tal-baħar (l-akbar kolonja fil-Gżejjer Maltin) u minn Maria Muscat li tat dettalji dwar il-flora li nsibu tul ir-rotta.

Wara ikla tajba fix-Xlendi, waranofsinhar il-parteċipanti ttieħdu jżuru iċ-Cittadella fejn sar *guided tour* li matulu ngħataw informazzjoni dwar il-Ħabs l-Antik minn Heritage Malta. Dan kien segwit minn żjara fil-Mużew tal-Istorja Naturali u *guided tour* ieħor tas-Silos minn Wirt Għawdex.

Kienet ġurnata mill-isbaħ li kull minn attenda għaliha ħa gost.

Membri tal-pubbliku u familji huma mistiedna jipparteċipaw f'attivitajiet bħal dawn li jsiru regolarment. L-attività li jmiss mill-Adult Activity Group ta' BirdLife Malta se tkun mixja fil-Buskett fit-22 ta' Jannar 2017.

Membri ta' BirdLife Malta jingħataw prijorità għal dawn l-attivitajiet. Dawk li jixtiequ jissieħbu bħala membri f'BirdLife Malta jistgħu jagħmlu dan fuq http://birdlifemalta.org/become-member.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti:**

- Ritratt tal-grupp li attenda l-mawra f'Għawdex (Ritratt ta' BirdLife Malta)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna